C/2025/5040

15.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12117 – KKR / SPECTRIS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5040)

1. Fl-1 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti),

— Spectris plc ("Spectris", ir-Renju Unit).

KKR se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Spectris kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-2 ta' Lulju 2025.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— KKR: hija ditta ta' investiment globali li toffri ġestjoni tal-assi alternattivi kif ukoll soluzzjonijiet tas-swieq tal-kapital u tal-assigurazzjoni.

— Spectris Group hija manifattur u fornitur ta' strumenti tal-ittestjar u tal-kejl ta' preċiżjoni. Spectris Group topera f'żewġ diviżjonijiet ewlenin, jiġifieri: Spectris Scientific, li tiffoka fuq soluzzjonijiet avvanzati ta' kejl u fuq karatterizzazzjoni għall-analiżi ta' materjali xjentifiċi; Spectris Dynamics, li tiffoka fuq ittestjar virtwali u fiżiku integrat avvanzat u fuq soluzzjonijiet ta' rilevament ta' preċiżjoni għolja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12117 — KKR / SPECTRIS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË